

Brussell, 2 ta' Settembru 2026
(OR. en)

11531/26
PV CONS 44
SOC 481
EMPL 271
SAN 572
CONSOM 228
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
29 ta' Ġunju 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10825/26.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Attivitajiet mhux leġislattivi

2. **L-avvanz tal-mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol permezz ta' regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali modernizzati u simplifikati¹** 10383/26

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett ta' hawn fuq, iggwidat min-nota tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

3. Semestru Ewropew 2026

- a) **Il-pakkett tar-rebbiegħa 2026** 9935/26
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni 9955/26
Skambju ta' fehmiet 10269/26
+ ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Pakkett tar-rebbiegħa 2026 u mbagħad kellu skambju ta' fehmiet.

- b) **Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2026 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2025: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali** 10400/26
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2026 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2025 kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

¹ Fil-preżenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservaturi.

- c) **Kontribut dwar l-aspetti tal-politiki dwar l-impjieg u dawk soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: Rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjieg, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru** 10361/26
10885/26
10247/1/26 REV 1
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-kontribut għall-aspetti relatati mal-impjieg u l-politika soċjali tar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjieg, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru, kif elenkat fid-dokument 10247/1/26 REV 1 u approva n-nota ta' konformità jew spjegazzjoni kif tinsab fid-dokument 10885/26.

4. **Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjieg dwar aspetti relatati mal-ġeneru tal-kwalità tal-impjieg²** [2] 10320/1/26 REV 1
Preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Impjieg
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Impjieg tal-Messaġġi Ewlenin dwar aspetti relatati mal-ġeneru tal-kwalità tal-impjieg u kellu skambju ta' fehmiet dwarhom.

5. **Konklużjonijiet dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet³** [2] 9555/26 + COR 1
+ ADD 1
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq.

Fl-Anness tinsab dikjarazzjoni mill-Ungerija.

6. **Pakkett Soċjali: It-twertiq tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar u l-perkorsi għal implimentazzjoni effettiva⁴** [2] 10378/26
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett ta' hawn fuq, iggwidat min-nota tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

² Fil-preżenza tal-President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservatur.

³ Fil-preżenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjieg (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservaturi.

⁴ B'interventi mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjieg (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS).

7. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) **Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

10809/26

Agrikoltura

1. **Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel**



10642/2/26 REV 2
+ ADD 1 REV 2
PE-CONS 21/26
AGRI

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 42, l-ewwel paragrafu, u 43(2) TFUE), bil-Latvja, in-Netherlands, u l-Iżvezja jivvutaw kontra u d-Danimarka, l-Estonja u l-Ġermanja jastjenu.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja, il-Latvja, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Kummissjoni jinsabu fl-Anness.

Ambjent

2. **Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw**



10651/26 + ADD 1
PE-CONS 13/26
ENV

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: L-Artikoli 114 u 192(1) TFUE fir-rigward tal-Artikoli 14 sa 36 ta' dan ir-Regolament), bl-Awstrija u l-Ungerija jivvutaw kontra u s-Slovakkja tastjeni.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja, mill-Estonja u mis-Slovakkja jinsabu fl-Anness.

3. **Regolament li jemenda r-Regolament 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru**  10649/26
PE-CONS 35/26
ENV
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE). Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE.

Affarijiet Ġenerali

4. **Omnibus VII: Regolament li jemenda r-Regolamenti dwar is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)**  10752/26 +
ADD 1-2
PE-CONS 30/26
SIMPL
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.06.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet mill-Belġju, mill-Greċja u l-Kummissjoni jinsabu fl-Anness.

Riċerka

5. **Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar**  10085/26
6884/26
COMPET

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.06.2026

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (bażi legali: l-Artikolu 2, il-paragrafu 1, tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

6. **Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa**  10490/26
PROCIV
IPCR

Rapport ta' progress

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.06.2026

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport ta' progress dwar ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa.

Affarijiet Ġenerali

7. **Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034**  10087/26 +
ADD 1-2
10161/26 + COR 1
COH

Approċċ ġenerali parzjali

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.06.2026

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Italja u mis-Slovakkja jinsabu fl-Anness.

8. Regolament li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Approċċ ġenerali parzjali

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.06.2026



10089/26 + ADD 1
10163/26
COH

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għall-perjodu mill-2028 sal-2034.

Dikjarazzjoni mill-Italja tinsab fl-Anness.

b) Lista mhux leġiżlattiva

10808/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokumenti imsemmija hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8. Konklużjonijiet dwar l-Akkomodazzjoni: It-tibdil demografiku u t-tfassil tal-politiki³

Approvazzjoni



10765/26

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq.

9. Sigurtà tal-Akkomodazzjoni għal kulħadd: Ir-rispons għall-ħtiġijiet tal-istudenti u tal-unitajiet domestiċi b'introjtu medju³

Skambju ta' fehmiet



10389/26

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett ta' hawn fuq, iggwidat min-nota tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

10. a) Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)⁵

- | | | |
|--|-----------|-----------------------------|
| i) Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (883/04 u 987/09) | OC | 8631/26 |
| ii) Reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol (is-sitt lott) | OC | 11823/25
+ ADD 1 |
| iii) Direttiva dwar it-traineeships | OC | 8148/1/24 REV 1 |
| iv) Id-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (l-Artikolu 19) | SC | 10817/24 |

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-punti msemmija hawn fuq.

- b) Inizjattiva biex jiġi stabbilit Jum Ewropew b'Tifkira tal-Vittmi ta' Aċċidenti fuq il-post tax-Xogħol u għall-Protezzjoni u d-Dinjità tal-Ħaddiema** **2** **11082/1/26 REV 1**
Informazzjoni mill-Belġju, l-Ungerija u l-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, l-Ungerija u l-Italja, appoġġati mill-Ġermanja, Malta, ir-Rumanija u Spanja.

- c) Avvenimenti tal-Presidenza⁵** **2** **10928/26**
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Irlanda

⁵ Fil-preżenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservaturi.

- ❶ L-ewwel qari
 - S Proċedura leġiżlattiva speċjali
 - C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
 - 2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 10809/26**Dwar il-punt "A"
nru 1):**

Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Gvern Federali Ġermaniż jastjeni dwar il-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, kif emendata mill-kompromess tat-trilogu tal-5 ta' Marzu 2026.

Aħna naqsmu l-għan tal-proposta li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa. Madankollu, inġenerali ma ninsabux konvinti li l-istrumenti previsti fiha huma xierqa biex jintlaħaq dak l-għan b'mod effettiv. Qed nikkritikaw b'mod partikolari l-piż burokratiku addizzjonali assoċjat mal-proposta u l-grad għoli ta' sforz u kost assoċjat mal-bidla. Wieħed mill-oġettivi ewlenin tagħna huwa li nnaqqsu l-burokrazija bla bżonn u li nevitaw kostijiet mhux meħtieġa għall-ekonomija. Meta mqabbla ma' pajjiżi Ewropej oħra, l-industrija agroalimentari tal-Ġermanja hija milquta b'mod partikolari mill-introduzzjoni ta' denominazzjonijiet protetti tal-laħam, li nqisu li r-regolamentazzjoni għalihom mhijiex meħtieġa.

Għalhekk, ma nistgħux naċċettaw il-proposta. Fl-istess ħin nirrikonoxxu li t-trilogi rnexxielhom jintroduċu aġġustamenti sinifikanti. L-Istati Membri ser jingħataw il-possibbiltà li jidderogaw mill-obbligu li jikkonkludu kuntratti bil-miktub b'ċertu kontenut minimu. Filwaqt li d-deroga għas-settur tal-ħalib hija limitata, din tkopri elementi essenzjali.

Il-Presidenza għamlet ukoll kull sforz biex tiddefendi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar id-denominazzjonijiet protetti tal-laħam: it-termini li jintużaw b'mod mifruq fis-suq Ġermaniż anke ħafna lil hinn mis-settur tal-laħam (bħal burger, zalzett u schnitzel) għadhom jistgħu jintużaw liberament, id-denominazzjonijiet fis-settur tal-ħut baqgħu mhux affettwati u nkisbu perjodi ġenerużi ta' kummerċjalizzazzjoni tranżizzjonali u kontinwi."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tivvota kontra l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tiżi tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel (minn hawn 'il quddiem – il-proposta).

Matul il-proċess ta' diskussjoni tal-proposta, il-Latvja żammet b'mod konsistenti l-fehma li kwalunkwe proposta bl-għan li ssaħħa il-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina tal-provvista trid tirriżulta f'benefiċċji ġenwini u tanġibbli għall-produtturi.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali u b'rispett għall-fehmiet tas-settur agrikolu Latvjan, il-Latvja hija tal-fehma li d-deċiżjoni li jkunu meħtieġa kuntratti bil-miktub obligatorji għandha tibqa' għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri aktar milli tiġi imposta bħala obbligu ta' bilfors.

Il-Latvja tressaq l-argumenti li ġejjin biex tiġġustifika l-vot kontra l-proposta:

- 1) Aħna nemmnu li d-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti u r-relazzjonijiet kuntrattwali fir-Regolament dwar l-OKS għandhom jibqgħu kif inhuma, u li l-istabbiliment ta' kuntratti bil-miktub obligatorji u ta' mekkaniżmi ta' medjazzjoni għandu jitħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. B'mod partikolari, il-Latvja topponi d-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti li jinsabu fl-Artikolu 148, billi ma jħallux lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-kuntratti fis-settur tal-ħalib ma għandhomx ikunu obligatorji;
- 2) il-Latvja lanqas ma tista' tappoġġa t-tbeġħid mill-mandat tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni u t-tnaqqis tal-livell minimu tal-valur tal-provvista minn EUR 20 000 għal EUR 10 000."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

"In-Netherlands jilqgħu l-ftehim li ntlaħaq dwar il-proposta għar-Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tiżi tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel. Ir-regoli l-ġodda dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali u dispożizzjonijiet oħra jikkontribwixxu għal pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha għall-bdiewa, objettiv li ġie appoġġat b'mod attiv min-Netherlands matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. F'dan il-proċess, kien essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u applikazzjoni wiesgħa madwar l-UE biex jintlaħaq l-objettiv "Ewropa Waħda, Suq Wieħed".

Madankollu, għal raġunijiet proċedurali u sostantivi, in-Netherlands ma jistgħux jappoġġaw iż-żieda fl-aħħar minuta ta' restrizzjonijiet fuq l-użu ta' termini relatati mal-laħam u l-limitazzjonijiet imposti fuq il-possibbiltajiet għal-laħam ikkultivat. Dawn ir-restrizzjonijiet ma jikkontribwux għaċ-ċarezza għall-konsumatur u joħolqu piż regolatorju mhux meħtieġ għall-komunità tan-negozju. Barra minn hekk idgħajfu l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u ibridi u jiskoraġġixxu l-innovazzjoni u l-investment privat - elementi vitali għat-tiżni tal-kapaċità għall-qliġ futura tas-sistema agrikola u tal-ikel Ewropea. Konsegwentement, dan imur kontra r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Draghi biex tissaħħaħ il-kompetittività globali futura tal-UE.

Għalhekk filwaqt li r-Regolament propost jikkontribwixxi għall-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina, meta jqisu kollox in-Netherlands ma jistgħux jappoġġaw il-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tiżni tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, fid-dawl tar-riżervi dwar ir-restrizzjonijiet imsemmija hawn fuq."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija dejjem tat appoġġ kostruttiv għal dispożizzjonijiet prattiċi biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Fid-diskussjonijiet, dawn li ġejjin kienu u għadhom partikolarment importanti għall-Awstrija:

- derogi mill-użu obligatorju ta' kuntratti ta' kunsinna bil-miktub għall-prodotti agrikoli, b'mod partikolari fis-settur tal-ħalib;
- differenzjazzjoni adegwata fid-dritt tal-kompetizzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi mhux rikonoxxuti jew entitajiet oħra.

Derogi mill-użu obligatorju ta' kuntratti ta' konsenja bil-miktub għall-prodotti agrikoli, b'mod partikolari fis-settur tal-ħalib

Fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru **1308/2013 (l-Artikoli 148 u 168)** li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS), **l-Istati Membri attwalment jistgħu jiddeċiedu**, fl-interessi tas-sussidjarjetà, jekk **kuntratti bil-miktub** humiex meħtieġa għal konsenji lill-ewwel xerrejja, bl-esklużjoni tal-kooperattivi.

Attwalment, l-ebda kuntratt bil-miktub ma huwa meħtieġ fl-Awstrija; l-Erzeuger-Rahmenbedingungen-Verordnung (Regolament dwar il-Kundizzjonijiet Qafas għall-Produtturi) nazzjonali, ibbażat fuq il-*Marktordnungsgesetz* (Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq – MOG), jipprevedi li fornitur ta' ħalib mhux ipproċessat jew ta' prodotti agrikoli jista' jitlob kuntratt. Ftehimiet bil-miktub għall-konsenja tal-ħalib huma diġà prattika komuni fl-Awstrija, iżda ma għandhomx għalfejn jikkonformaw eżattament mad-dispożizzjonijiet tal-OKS.

Din il-proposta għal **emenda għall-OKS** tirriżulta f'**bidliet fundamentali għar-relazzjonijiet kuntrattwali**:

Il-**kuntratti** bil-miktub issa huma fundamentalment **obbligatorji** għall-**konsenji kollha** ta' prodotti agrikoli; fis-settur tal-ħalib, minbarra l-ħalib mhux ipproċessat, dan issa jinkludi wkoll il-konsenji tal-prodotti tal-ħalib kollha.

Kundizzjonijiet addizzjonali (inkluż metodi trasparenti u demokratiċi biex il-prezzijiet jiġu ddeterminati minn qabel, b'kont meħud tal-impatt fuq ir-remunerazzjoni tal-bdiewa u fuq il-perjodi u l-proċeduri ta' ħlas) huma marbuta mal-**eċċezzjonijiet għall-kooperattivi**, u dawk l-eċċezzjonijiet huma mgħobbija b'**inċertezza legali**.

Ġiet introdotta **klawżola ġdida ta' reviżjoni** għall-kuntratti b'durata ta' aktar minn 12-il xahar (**sitt xhur fis-settur tal-ħalib**) li unilateralment tippermetti lill-fornitur itemm il-kuntratt ta' konsenja fi kwalunkwe ħin. Sal-lum, l-għan tal-OKS kien li jeħtieġ li l-kuntratti ta' kunsinna jkollhom durata ta' mill-inqas sitt xhur; issa hemm il-**periklu** li **jkun aktar probabbli li jiġu offruti durati iqsar**. Dan japplika b'mod partikolari għas-settur tal-ħalib.

Filwaqt li d-**derogi** għal **prodotti** speċifiċi jew għal xi **elementi ta' kuntratt** għadhom possibbli, dawn iridu jiġu ddeterminati fil-livell nazzjonali, li jinvolvi piż burokratiku.

Hemm il-**periklu** li ser jiġu offruti **kuntratti ta' kunsinna b'terminu qasir** biss jew li ser ikun aktar diffiċli biex il-produtturi iżgħar f'żoni remoti jsibu xerrej. Dan mhuwiex ser jagħmel differenza għall-kundizzjonijiet tas-suq: fil-preżent, iż-żieda fil-volumi tal-ħalib fl-UE qed tagħmel pressjoni fuq il-prezzijiet tal-produtturi.

Estensjoni tad-derogi għad-dritt tal-kompetizzjoni lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi mhux rikonoxxuti u lil entitajiet oħra

Sa issa – permezz ta' deroga mill-Artikolu 101(1) TFUE – kien permissibbli li kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 152(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-kostijiet tal-produzzjoni, tintroduċi prodotti agrikoli fis-suq u tinnegozja kuntratti għall-forniment tagħhom, f'isem il-membri tagħha għall-produzzjoni totali tagħhom jew għal parti minnha.

Fil-futur, dawk id-derogi mid-dritt tal-kompetizzjoni ser jiġu **estiżi** għal **organizzazzjonijiet tal-produtturi mhux rikonoxxuti, kooperattivi u organizzazzjonijiet fi kwalunkwe forma ġuridika ekwivalenti oħra rikonoxxuta mid-dritt nazzjonali** li jkunu applikaw għar-rikonoxximent u ma jkunux għadhom ġew rikonoxxuti bħala organizzazzjoni tal-produtturi minn Stat Membru, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 152(1) u fl-Artikolu 154 tar-Regolament dwar l-OKS.

Kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi bħal din tista' tibbenefika minn dik id-deroga fil-perjodu previst fl-Artikolu 154(4), il-punt (a), tar-Regolament dwar l-OKS jew, jekk l-Istat Membru ma jkun ħa l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rikonoxximent sa tmiem dak il-perjodu, **fi żmien ħames snin mid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent**, dment li l-Istat Membru rilevanti ma jkunx iddeċieda li jirrifjuta r-rikonoxximent.

Il-konsegwenzi li ġejjin għandhom ikunu mistennija ex ante:

- Iż-żieda ta' benefiċjarji ġodda ser tmur kontra l-isforzi li għaddejjin favur is-simplifikazzjoni – nistgħu nistennew li ż-żieda antiċipata fl-għadd ta' kontrolli twassal għal piż amministrattiv akbar.
- Barra minn hekk, il-fatt li l-proċeduri jistgħu jdumu għaddejjin is-snin joħloq inċertezza legali, li jgħib miegħu riskju sinifikanti ta' penali serji b'rabta mal-kartelli f'każ ta' sejbiet ex post ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti rikonoxxuti.
- Għandha tinġibed ukoll l-attenzjoni għall-emerġenza ta' differenzi dejjem jikbru fost l-Istati Membri fit-twaqqit tal-proċeduri ta' rikonoxximent fil-perjodu preskritt ta' ħames snin.

- Barra minn hekk, ġiet introdotta proċedura ta' rikonoxximent kompletament ġdida (attwalment: verifika ex ante; fil-futur: verifika ex post).
- Minbarra l-kwistjonijiet imsemmija, id-dispożizzjoni l-ġdida tirrappreżenta **indeboliment tas-sistema attwali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti: il-benefiċċji għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li diġà ġew rikonoxxuti ser jonqsu.**

L-Awstrija temmen li ż-żamma tal-**istatus quo fis-sistema ta' rikonoxximent** tkun **preferibbli b'mod ċar**, tal-inqas biex tissalvagwarda l-**benefiċċji għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li diġà ġew rikonoxxuti**. Fl-aħħar nett, sa issa diġà kien possibbli li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi mhux rikonoxxuti, il-kooperattivi u l-entitajiet l-oħra kollha jiksibu rikonoxximent bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi u għalhekk jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet mid-dritt tal-kompetizzjoni.

Konklużjoni

L-Awstrija għadha qed tara lok għal kunsiderazzjoni akbar ta' dawn il-punti u **għalhekk tistieden lill-Kummissjoni Ewropea tevalwa dawn l-emendi f'perjodu ta' żmien raġonevoli**.

Madankollu, l-Awstrija mhijiex ser topponi l-kompromess li nstab u ser tivvota favur."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni ħabbret reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għat-tieni trimestru tal-2026, bil-ħsieb li tippermetti u tiffaċilita l-użu tal-kriterji tas-sostenibbiltà, tar-reżiljenza u tal-preferenza Ewropea fl-akkwist.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser teżamina kif l-akkwist pubbliku, filwaqt li jirrispetta r-regoli tas-suq uniku u l-obbligi internazzjonali, jista' jappoġġa l-oġettivi ta' sostenibbiltà u preferenza Ewropea. Dawn l-oġettivi ser jappoġġaw ukoll il-politika Ewropea dwar l-ikel u l-prodotti li joriġinaw minn azjendi agrikoli żgħar, li huma prodotti u kkummerċjalizzati lokalment minn ktajjen tal-provvista qosra."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"1. Fil-fehma tal-Ġermanja, il-miżuri maħsuba biex jiġġieldu l-lokalizzazzjoni mhux magħrufa tal-vetturi stipulati fil-ftehim ta' trilogu politiku relatat mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE, mhumiex biżżejjed. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li r-regoli inkwistjoni mhumiex effettivi biżżejjed biex inaqqsu ż-żarmar illegali jew l-esportazzjoni illegali.

Għalhekk, il-Ġermanja tafferma mill-ġdid l-importanza tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-post mhux magħruf fejn jinsabu l-vetturi, kif previst fir-Regolament, u l-miżuri li jirriżultaw, u titlob li dawn isiru fi stadju aktar bikri.

2. Mill-perspettiva tal-Ġermanja, il-klawżola mera li tinsab fil-ftehim tat-trilogu politiku hija problematika mill-perspettiva tal-politika kummerċjali, peress li hija strument protezzjonist li joħloq ostakli għall-kummerċ. Għaldaqstant, il-Ġermanja ma tqisx li tali klawżola hija adatta biex tiżgura l-protezzjoni neċessarja tas-suq intern. L-inklużjoni tal-klawsola mera fir-Regolament ma tikkostitwixxix preċedent għal leġiżlazzjoni jew ftehimiet ta' kummerċ ħieles futuri.

Għal din ir-raġuni, il-Ġermanja tappella għal valutazzjoni tal-impatt immedjata tal-klawżola mera, inkluż l-impatt mil-lat tal-politika kummerċjali u d-dritt kummerċjali, l-impatt fuq l-industrija tal-UE u pajjiżi terzi, u kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

Minkejja dan it-tħassib, il-Ġermanja taqbel mal-ftehim tat-trilogu politiku fl-ispirtu ta' kompromess ġenerali."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tista' tappoġġa t-test finali tar-regolament dwar il-vetturi li ma għadhomx jintużaw (ELV). Madankollu, nixtiequ ntenu t-tħassib tagħna dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) fl-Artikolu 22.

It-test jintroduċi obbligi transfruntiera addizzjonali għall-manifatturi, li jistgħu joħolqu riskju ta' pagamenti doppji fejn l-ispejjeż ikunu koperti kemm permezz ta' skemi nazzjonali tal-EPR kif ukoll permezz tal-mekkaniżmu transfruntier. Nibqgħu mħassba li dan jista' jwassal għal piż amministrattiv akbar, peress li l-manifatturi jkunu meħtieġa jaħtru rappreżentanti awtorizzati f'diversi Stati Membri u juru konformità permezz ta' arranġamenti paralleli.

L-Estonja kienet tippreferi soluzzjoni allinjata aktar mill-qrib mal-prinċipji tal-EPR diġà stabbiliti, kif rifless fl-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill. Approċċ bħal dan kien jissalvagwardja aħjar kontra pagamenti doppji, inaqas il-piż amministrattiv u jżomm rabta aktar ċara bejn ir-responsabbiltà tal-produttur u t-tqegħid ta' vetturi fis-suq.

Filwaqt li nappoġġaw it-test ġenerali, xorta nenfasizzaw li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 22 tista' toħloq sfidi prattiċi sinifikanti għall-Istati Membri, il-manifatturi u l-produtturi."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Is-Slovakkja tilqa' dan ir-regolament, li aħna nqisu bħala pass importanti lejn it-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari u l-istabbiliment ta' qafas legali komprensiv għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi.

Madankollu, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għal ċerti punti li, fil-fehma tagħna, jeħtieġu aktar diskussjoni. Ninsabu partikolarment imħassbin dwar l-impatti negattivi possibbli tal-obbligi u d-definizzjonijiet li għadhom kif ġew introdotti, li jistgħu jirriżultaw f'żieda fil-piż amministrattiv u fl-ispejjeż għall-operaturi ekonomiċi.

B'mod partikolari, is-Slovakkja tixtieq tenfasizza l-Artikolu 22 dwar il-mekkaniżmu ta' allokazżjoni transfruntiera tal-kostijiet għal vetturi li ma għadhomx jintużaw. Fil-fehma tagħna, dan il-mekkaniżmu jeħtieġ li jiġi ċċarat aktar sabiex jiġu żgurati trattament ugwali u implimentazzjoni effettiva madwar l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment tal-vetturi bejn l-Istati Membri.

F'dan il-kuntest, nenfasizzaw li l-funzjonament effettiv ta' dan il-mekkaniżmu huwa marbut mill-qrib mal-qafas regolatorju aktar ġenerali li jirregola r-reġistrazzjoni, it-tneħħija mir-reġistrazzjoni u t-trasferimenti transfruntiera tal-vetturi. L-aspett transfruntier tal-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma jistax jiġi indirizzat b'mod iżolat u jirrikjedi armonizzazzjoni ma' leġislazzjoni rilevanti oħra dwar it-trasport. B'mod partikolari, inqisu li huwa essenzjali li jiġu żgurati l-qsim bla xkiel tal-informazzjoni u l-aċċess għall-bażijiet tad-data tal-vetturi fl-Istati Membri, inkluż ir-rekords tar-reġistrazzjoni u d-data dwar it-tneħħija mir-reġistrazzjoni. Għalhekk, nitolbu lill-Kummissjoni tivvaluta jekk hijiex meħtieġa aktar azzjoni fil-livell tal-UE, inkluż emendi possibbli biex jiġi appoġġat il-funzjonament prattiku tal-Artikolu 22 jew linji gwida prattiċi biex jassistu lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi fl-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu b'mod konsistenti u uniformi."

Dwar il-punt "A"
nru 4):

Omnibus VII: Regolament li jemenda r-Regolamenti dwar is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA)

Adozzjoni tal-att leġislativ

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

"Il-Belġju jilqa' l-avvanzi sinifikanti li saru fl-Omnibus Diġitali dwar l-IA bħala riżultat ta' diskussjonijiet kostruttivi, u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsib bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – bilanċ li dan it-test ta' kompromess irnexxielu jikseb, u għalhekk nappoġġawh.

Nixtiequ nenfasizzaw b'mod speċjali l-importanza tal-emenda li tipprojbixxi sistemi tal-IA li kapaċi jiġġeneraw kontenut sesswalment espliċitu mhux kunsenswali. Din hija kwistjoni importanti li jeħtieġ li tiġi indirizzata, b'mod partikolari sabiex tiġi pprovduta protezzjoni proattiva adegwata f'dan il-qasam. Il-qbil tagħna jiddependi fuq din il-miżura, li hija kompletament konformi mal-valuri Ewropej.

Barra minn hekk, nixtiequ nergġhu lura għal żewġ punti li aħna nħossu li għadhom problematiċi.

L-ewwel nett, filwaqt li nifhmu li l-perjodu ta' grazzja għat-tikkettar tal-kontenut iġġenerat mill-IA huwa dovut għal sfidi tekniċi, jiddispijčina għall-posponiment ta' dan l-obbligu. Fil-fehma tagħna, dan iqajjem mistoqsijiet kbar dwar il-protezzjoni tal-individwi u t-trasparenza fir-rigward tad-deepfakes, li huma kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu posposti mingħajr riskju konsiderevoli.

It-tieni nett, nilqgħu l-kjarifiki dwar id-detezzjoni tal-preġudizzji, iżda jiddispjaċina li l-kunċett ta' neċessità stretta ma ġiex iċċarat aktar u li l-użu ta' soluzzjonijiet alternattivi, bħal data sintetika, ma ġiex imħeġġeġ aktar sabiex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u responsabbli."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tilqa' l-qbil politiku li ntlaħaq mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar l-Omnibus Diġitali dwar l-IA.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni hija mħassba ħafna dwar l-għażla tal-iskadenzi marbuta ma' żewġ kompiti importanti ta' segwitu fdati lill-Kummissjoni. Ir-Regolament maqbul jipprevedi, fost affarijiet oħra, li l-Kummissjoni għandha:

1. tadotta atti delegati sat-2 ta' Awwissu 2027 li jispeċifikaw jekk u taħt liema kundizzjonijiet ċerti rekwiżiti tal-Att dwar l-IA jistgħu jkunu limitati għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli msemmija fl-Artikolu 6(1) tal-Att dwar l-IA minħabba li l-leġiżlazzjoni settorjali diġà tiżgura livell ekwivalenti jew ogħla ta' protezzjoni, u
2. tiżviluppa linji gwida sal-1 ta' Awwissu 2027 dwar l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-IA b'riskju għoli u l-leġiżlazzjoni settorjali.

Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ l-oġettiv li tittejjeb il-komplementarjetà bejn l-Att dwar l-IA u l-leġiżlazzjoni settorjali dwar il-prodotti. L-evitar ta' duplikazzjoni bla bżonn huwa essenzjali għaċ-ċertezza legali, il-kompetittività u l-implimentazzjoni effettiva. Il-Kummissjoni tinnota li l-qbil milħuq dwar l-Omnibus dwar l-IA huwa koerenti mal-proposta tagħha għal reviżjoni tar-Regolamenti dwar l-Apparati Mediċi (COM (2025) 1023) u għalhekk ma jaffettwax din il-proposta.

Fir-rigward tal-punt 1 ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-valur ta' dan il-mekkaniżmu l-ġdid jinsab preċiżament fil-kapaċità tiegħu li jindirizza kwistjonijiet ta' komplementarjetà fuq bażi kontinwa, hekk kif jiġu adottati regoli ġodda speċifiċi għas-settur rilevanti għas-sistemi tal-IA skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness I tal-Att dwar l-IA u jinħolqu duplikazzjonijiet konkreti. Għalhekk, l-iskadenza hija problematika, peress li ttriskja li tbiddel dan il-mekkaniżmu f'eżerċizzju ta' darba u tista' tillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li taġixxi meta jiġu identifikati duplikazzjonijiet ġodda wara li tkun twettqet il-valutazzjoni speċifika għas-settur sad-data msemmija hawn fuq.

It-tieni, fir-rigward tal-punt 2 ta' hawn fuq, l-iżvilupp ta' linji gwida dwar l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-IA b'riskju għoli u l-leġiżlazzjoni settorjali ser jirrikjedi analiżi bir-reqqa, u l-eżitu jrid ikun robust, prattiku u legalment ċar. Peress li d-dħul fis-seħħ ta' rekwiżiti b'riskju għoli għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli msemija fl-Artikolu 6(1) tal-Att dwar l-IA ġie pospost għat-2 ta' Awwissu 2028, skadenza għall-adozzjoni tal-linji gwida dwar l-applikazzjoni prattika ta' xi wħud minn daww ir-rekwiżiti sena sħiħa qabel dak id-dħul fis-seħħ tista' tipperikola l-iżvilupp ta' għodod ta' appoġġ affidabbli għall-industrija u għall-awtoritajiet."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Estensjoni tal-obbligu – l-Artikolu 111 (paragrafu 4 ġdid) tal-Att dwar l-IA - OMNIBUS DIĠITALI DWAR L-IA - 2025/0359(COD) / PE-CONS 30/26

Il-Greċja tilqa' l-progress sinifikanti miksub fl-"Omnibus Diġitali dwar l-IA" permezz ta' diskussjonijiet kostruttivi, kemm fil-livell tal-Istati Membri fil-Kunsill kif ukoll fit-trilogi mal-Parlament Ewropew. Tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li ssib bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej—bilanċ li jinkiseb b'dan it-test ta' kompromess, li għalhekk aħna nappoġġaw. Nixtiequ wkoll inroddu ħajr lill-Presidenza Ċiprijotta, li kien bl-isforzi u l-gwida tagħha li lħaqna dan it-test ta' kompromess malajr u b'mod deċiżiv.

Madankollu, nixtiequ ntennu n-nuqqas kbir ta' sodisfazzjon li għandna bil-perjodu ta' grazzja ta' erba' xhur għat-tikkettar tal-kontenut iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali (l-Artikolu 111(4), kif emendat). Għandu jiġi mfakkar li, diġà matul id-diskussjonijiet fil-livell tal-Kunsill dwar il-mandat ta' negozjar, il-Greċja ppreżentat dikjarazzjoni dwar din il-kwistjoni, fejn talbet li ma tingħata l-ebda estensjoni.

Il-Greċja tibqa' tal-fehma li dan huwa obbligu ta' importanza kbira, marbut direttament mal-fiduċja fl-informazzjoni u l-protezzjoni tal-proċess demokratiku, u għalhekk nesprimu d-dispjaċir tagħna għall-posponiment ta' dan l-obbligu."

Dwar il-punt "A"
nru 7):

**Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond
ta' Koeżjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034**
Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tiżzi ħajr lill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ħidma intensiva mwettqa fir-rigward tal-proposti għal regolamenti dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, inkluż Interreg, u l-Fond Soċjali Ewropew. Aħna nirrikonoxxu l-progress sinifikanti li sar matul in-negozjati u napprezzaw it-titjib introdott fit-testi ta' kompromess.

B'mod partikolari, fir-rigward tar-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni, l-Italja tilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni tal-artikolu dwar "id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", propost mill-Italja, li għandu l-għan—konsistenti mal-Istrateġija promossa mill-Viċi President Eżekuttiv Fitto—li jsaħħaħ l-attrazzjoni tat-territorji, l-aċċess għas-servizzi essenzjali, il-konnettività, u l-kundizzjonijiet li jippermettu lin-nies jibqgħu f'żoni aktar fraġli. Għandna wkoll valutazzjoni pożittiva tat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ liż-żoni żvantaġġati, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni reġjonali, l-iżvilupp urban sostenibbli, kif ukoll it-trasferiment tad-dispożizzjonijiet marbuta ma' Interreg mir-Regolament ġenerali tal-PSNR għar-Regolament settorjali tal-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni, b'formulazzjoni aktar dettaljata li tippermetti għarfien aħjar tan-natura speċifika tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.

Fir-rigward tar-Regolament dwar il-FSE, nilqgħu t-tisħiħ tal-appoġġ għat-tranżizzjoni demografika u speċifikazzjoni aktar ċara tal-kontribut tal-Fond għall-oġettivi marbuta mal-impjiegi ta' kwalità, il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar, u l-aċċess għas-servizzi.

Fl-istess ħin, l-Italja tesprimi riżervi dwar ċerti aspetti tat-testi leġislattivi li qed jiġu approvati.

L-ewwel nett, ir-regolamenti settorjali ma jidlimitawx biżżejjed l-ambitu tal-intervent tal-Fondi tal-politika ta' koeżjoni, u dan l-aspett lanqas mhu speċifikat ċar fir-Regolament dwar il-Pjanijiet ta' Sħubija nazzjonali u reġjonali, minkejja l-fatt li l-missjoni ta' dawn il-Fondi hija definita minn TFUE. Dan huwa aggravat min-nuqqas ta' allokazżjoni finanzjarja ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi tagħha. F'dan ir-rigward, il-proposta Taljana li jiġi inkluż anness settorjali li jidentifika l-oqsma ta' intervent u l-indikaturi rilevanti għall-FEŻR, Interreg, u l-FSE ma ġietx aċċettata. Strument bħal dan kien isaħħaħ iċ-ċertezza legali, iċ-ċarezza tal-programmazzjoni, u l-viżibbiltà tal-Fondi.

It-tieni, l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali u l-promozżjoni tal-istat tad-dritt jitqiesu li għandhom jikkostitwixxu prinċipju orizzontali aktar milli oqsma ta' intervent għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

It-tielet, ir-Regolament tal-FSE ma jipprevedix il-possibbiltà li jiġu appoġġati interventi ta' assistenza teknika, kif dejjem kien il-każ f'perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Din l-opzjoni, prevista fil-FEŻR, hija essenzjali biex tiżgura programmazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-interventi fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, u s-servizzi soċjali, tas-saħħa, edukattivi u ta' taħriġ.

L-Italja ser tkompli tiegħu sehem kostruttiv fil-proċess leġiżlattiv, bil-għan li ssaħħaħ il-koerenza tar-regolamenti settorjali, tippreserva l-identità tal-Fondi tal-politika ta' koeżjoni, u tiżgura qafas ċar u proporzjonat għall-programmazzjoni, li jkun konsistenti għalkollox mal-oġettivi stabbiliti fit-TFUE."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Filwaqt li tirrikonoxxi l-progress miksub fl-abbozz ta' Regolament tal-FEŻR, is-Slovakkja tappoġġa iż-żamma tal-isforzi biex jiġu stabbiliti regoli aktar sempliċi, realistiċi u fattibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni futur li jġibu bidla pożittiva ġenerali għar-reġjuni u n-nies.

Nilqgħu l-emendi li saru għall-Artikolu 12a(5) tal-proposta u napprezzaw ukoll iż-żieda tal-ittra b) mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 10(2).

Madankollu, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Ġestjoni ta' Interreg Europe, is-Slovakkja tippromponi li tintroduċi mill-ġdid il-kampjun komuni tal-awditjar ta' Interreg fir-Regolament tal-FEŻR, abbażi ta' esperjenzi tajbin mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Nipproponu li jiżdied Artikolu separat li jikkonċerna l-kampjun komuni tal-awditjar ta' Interreg għar-Regolament il-ġdid tal-FEŻR/FK, bl-istess mod kif sar fir-Regolament Interreg 2021 – 2027:

Abbażi ta' esperjenzi tajbin minn perjodi ta' programmazzjoni preċedenti u r-reazzjonijiet tal-benefiċjarji nipproponu wkoll li jiġu introdotti mill-ġdid regoli komuni ta' eliġibbiltà għall-programmi Interreg fir-Regolament tal-FEŻR. Għalhekk, nipproponu li jiġi inkluż artikolu dwar il-ġerarkija tar-regoli fir-Regolament jew, alternattivament, li dan l-artikolu jiġi inkluż fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 9(1), sabiex tiġi żgurata l-kontinwità mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti u kundizzjonijiet trasparenti għall-benefiċjarji.

Niġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-aħħar sentenza tal-Artikolu 8(3)(d) tar-Regolament tal-FEŻR kif emendat mill-kompromess tal-21 ta' Mejju 2026 dwar l-eliġibbiltà tal-VAT: "Għall-finijiet ta' plawżibbiltà u raġonevolezza, il-VAT rekuperabbli ma għandhiex tiġi inkluża fil-kostijiet totali stmati tal-miżura;" tħassret (is-sentenza għebet mill-verżjoni l-ġdida tad-19 ta' Ġunju 2026 mingħajr ma ġie ingassat it-test). Ir-regola inkwistjoni hija inkluża fir-regolament PSNR, iżda fl-Artikolu 22 (2b)(d), li ma japplikax għal Interreg. Il-kwistjoni tal-eliġibbiltà tal-VAT għall-operazzjonijiet Interreg jeħtieġ li tiġi kkjarifikata.

F'dan ir-rigward, is-Slovakkja tissottolinja l-importanza li jinżamm l-ispazju leġiżlattiv meħtieġ biex jiġi żgurat li l-arkitettura finali tal-qafas ġenerali tibqa' operazzjonali, internament konsistenti u implimentabbli, u tkun kapaċi tikseb l-oġettivi tagħha fil-prattika."

Dwar il-punt "A"
nru 8):

Regolament li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tiżzi ħajr lill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ħidma intensiva mwettqa fir-rigward tal-proposti għal regolamenti dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, inkluż Interreg, u l-Fond Soċjali Ewropew. Aħna nirrikonoxxu l-progress sinifikanti li sar matul in-negozjati u napprezzaw it-titjib introdott fit-testi ta' kompromess.

B'mod partikolari, fir-rigward tar-Regolament dwar il-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni, l-Italja tilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni tal-artikolu dwar "id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", propost mill-Italja, li għandu l-għan—konsistenti mal-Istrateġija promossa mill-Viċi President Eżekuttiv Fitto—li jsaħħaħ l-attrazzjoni tat-territorji, l-aċċess għas-servizzi essenzjali, il-konnettività, u l-kundizzjonijiet li jippermettu lin-nies jibqgħu f'żoni aktar fraġli. Għandna wkoll valutazzjoni pożittiva tat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ liż-żoni żvantaġġati, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni reġjonali, l-iżvilupp urban sostenibbli, kif ukoll it-trasferiment tad-dispożizzjonijiet marbuta ma' Interreg mir-Regolament ġenerali tal-PSNR għar-Regolament settorjali tal-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni, b'formulazzjoni aktar dettaljata li tippermetti għarfien aħjar tan-natura speċifika tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.

Fir-rigward tar-Regolament dwar il-FSE, nilqgħu t-tisħiħ tal-appoġġ għat-tranżizzjoni demografika u speċifikazzjoni aktar ċara tal-kontribut tal-Fond għall-oġettivi marbuta mal-impjiegi ta' kwalità, il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar, u l-aċċess għas-servizzi.

Fl-istess ħin, l-Italja tesprimi riżervi dwar ċerti aspetti tat-testi leġislattivi li qed jiġu approvati.

L-ewwel nett, ir-regolamenti settorjali ma jidlimitawx biżżejjed l-ambitu tal-intervent tal-Fondi tal-politika ta' koeżjoni, u dan l-aspett lanqas mhu speċifikat ċar fir-Regolament dwar il-Pjanijiet ta' Sħubija nazzjonali u reġjonali, minkejja l-fatt li l-missjoni ta' dawn il-Fondi hija definita minn TFUE. Dan huwa aggravat min-nuqqas ta' allokkazzjoni finanzjarja ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi tagħha. F'dan ir-rigward, il-proposta Taljana li jiġi inkluż anness settorjali li jidentifika l-oqsma ta' intervent u l-indikaturi rilevanti għall-FEŻR, Interreg, u l-FSE ma ġietx aċċettata. Strument bħal dan kien isaħħaħ iċ-ċertezza legali, iċ-ċarezza tal-programmazzjoni, u l-viżibbiltà tal-Fondi.

It-tieni, l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt jitqiesu li għandhom jikkostitwixxu prinċipju orizzontali aktar milli oqsma ta' intervent għall-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni.

It-tielet, ir-Regolament tal-FSE ma jipprevedix il-possibbiltà li jiġu appoġġati interventi ta' assistenza teknika, kif dejjem kien il-każ f'perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Din l-opzjoni, prevista fil-FEŻR, hija essenzjali biex tiżgura programmazzjoni u implimentazzjoni effettivi tal-interventi fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, u s-servizzi soċjali, tas-saħħa, edukattivi u ta' taħriġ.

L-Italja ser tkompli tiegħu sehem kostruttiv fil-proċess leġiżlattiv, bil-għan li ssaħħaħ il-koerenza tar-regolamenti settorjali, tippreserva l-identità tal-Fondi tal-politika ta' koeżjoni, u tiżgura qafas ċar u proporzjonat għall-programmazzjoni, li jkun konsistenti għalkollox mal-oġettivi stabbiliti fit-TFUE."

Dwar il-punt "B"
nru 5):

**Konklużjonijiet dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza
ċibernetika fuq il-bniet**
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala dak li jipprovdi possibbiltajiet u opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. F'dan il-kuntest u f'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet."
